

Brussell, 23 ta' Frar 2022  
(OR. en)

6530/22  
ADD 1

AG 21  
COCON 18  
COVID-19 49  
FREMP 42  
FRONT 74  
IPCR 27  
JAI 239  
MI 141  
SAN 110  
TRANS 104  
VISA 33  
DELECT 34  
COMIX 94

#### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	22 ta' Frar 2022
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2022) 1145 final
Suġġett:	ANNES tar- REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jemenda r-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ħruġ ta' ċertifikati tal-fejqa ibbażati fuq testijiet rapidi tal-antiġeni

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu meħmuż id-dokument C(2022) 1145 final.

---

Mehmuż: C(2022) 1145 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 22.2.2022  
C(2022) 1145 final

ANNEX

**ANNEX**

**tar-**

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2021/953 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-  
rigward tal-ħruġ ta' ċertifikati tal-fejqa ibbażati fuq testijiet rapidi tal-antiġeni**

## ANNEX

L-Anness tar-Regolament (UE) 2021/953 huwa emendat kif ġej:

(1) Il-Punt 3 tal-Anness għar-Regolament (UE) 2021/953 hu sostitwit b'dan li ġej:

“3. Kampijiet tad-*data* li għandhom jiġu inklużi fiċ-ċertifikat tal-fejqa:

- (a) isem: kunjom(ijiet) u isem/ismijiet, f'dik l-ordni;
- (b) id-data tat-twelid;
- (c) il-marda jew l-aġent li minnha/minnu jkun rikoverat id-detentur: COVID-19 (SARS-CoV-2 jew wieħed mill-varjanti tiegħu);
- (d) id-data tal-ewwel riżultat pożittiv tat-test;
- (e) Stat Membru jew pajjiż terz li fih sar it-test;
- (f) emittent taċ-ċertifikat;
- (g) ċertifikat validu minn;
- (h) ċertifikat validu sa (mhux aktar minn 180 jum wara d-data tal-ewwel riżultat pożittiv tat-test);
- (i) identifikatur uniku taċ-ċertifikat.”.